MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Numru. 1292/2007

Il- Pulizija
(Spettur Jesmond J. Borg)

-vs-

Charmaine Spiteri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmija Charmaine Spiteri ta’ 27 sena, bint Emanuel Spiteri u Mary Ines nee` Grima, imwielda San Giljan nhar l- 14 ta’ Novembru 1980, residenti Triumphal, Triq il-Linja, Attard, detentrici tal-karta ta’ l- identita` bin- numru 535580M.

Akkuzata talli:

a) Talli nhar il- 21 ta’ Lulju, 2007 u fil- granet ta’ qabel, fil- fond Fiorella, Triq Tumas Fenech, Qormi,

volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad- dettriment ta' Adrian Baldacchino, liema hsara tiskorri l- valur ta' hamsin lira Maltin (Lm50) (Euro116.47) imma mhux il- valur ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) (Euro1164.67) (skond l- art. 325 (1b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

b) Talli heddet lil Adrian Baldacchino bi kliem (339e).

c) Talli volontarjament kisret il- buon ordni u l- paci pubblika b' ghajjat u glied (skond l- art. 339(dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta);

Il- Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tipprovdi skond l- Art. 383 et seq tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, ghad-detriment ta' Adrian Baldacchino.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellux oggezzjoni li l-kawza tigi hekk trattata.

Rat l-artikoli 325(1)(c), 339(e),(dd), u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-imputata.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-uniku xhud tal-prosekuzzjoni Adrian Baldacchino ghazel li ma jixhidx ai termini ta'l-artikolu 643 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-istess Antoine Baldacchino rrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront ta'l-imputata kull fejn l-azzjoni kienet hekk rinunzjabbli.

Illi l-partijiet qablu li l-hsara sofferta ma teccediex l-hamsin lira Maltija (Lm50).

Ghal dawn il-motivi, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni imputazzjoni stante r-rinunzja tal-parte leza, fuq nuqqas ta’ provi ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet imputazzjoni u tilliberaha minnha.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------